**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 187/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**Steve Grima**

**Illum 29 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Steve Grima**, iben Francis u Carmen neè Fitzpatrick, imwieled l-Mtarfa fid-29 ta' Mejju 1977 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 258277(M), talli nhar it-12 ta' Mejju 2020, għall-ħabta ta' 20:50hrs u ħinijiet qabel, ġewwa Fort Cambridge West 3, Flat 404, il-Ponta ta' Tignè, Sliema, u f'dawn il-gżejjer:

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Julia Marra, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0126647A, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 225(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar it-12 ta' Mejju 2020, f'xi ħin matul il-ġurnata, ġewwa Strand Mini Market u/jew Frans Greengrocer, Triq ix-Xatt, Sliema, u f'dawn il-gżejjer:

2. Biegħ u/jew forna alcohol lil minuri, u cioè lil Julia Marra u Evgeniya Pavlova, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 316Ċ(a)(b) tal-Kap.10 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 5 sa' 10 tal-proċess, fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda tad-Deputat Reġistratur Stefania Scicluna[2], ta' PS2251 Sally Anne Felice[3], ta' PC449 Jean Claude Debono[4] u ta' PS1033 Sandro Mangion[5] mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2022 u rat id-dokument esebit mid-Deputat Reġistratur Stefania Scicluna markat Dok. "SS", ossia l-Procès-Verbal bin-Numru 1105/2020, a fol. 17 tal-proċess, id-dokument esebit minn Ps2251 Sally Anne Felice markat Dok. "SA" a fol. 20 tal-proċess u d-dokument esebit minn PC449 Jean Claude Debono markat Dok. "JD" a fol. 23 u 24 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Colin Sheldon mogħtija waqt is-seduti tad-9 ta' Ġunju 2022[6] u ta' l-4 ta' Diċembru 2023[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CSX1" sa' Dok. "CSX6" a fol. 31 sa' 41 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Eugenia Pavlova mogħtija waqt is-seduti tad-9 ta' Ġunju 2022[8] u ta' l-4 ta' Marzu 2024[9] u x-xhieda ta' Natalia Pavlova mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022[10], semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[11], ta' l-Esperti Patoloġi Dr. David Pisani u Dr. Ali Sarfraz[12], ta' l-Espert Forensiku Dr. Godwin Sammut[13] u tas-Scene of Crime Officer PS Daniel Formosa[14] mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2022 u x-xhieda ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar mogħtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Ottubru 2022[15] u tal-15 ta' Diċembru 2022[16] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "KCX" a fol. 78 sa' 84 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Daniel Cutajar[17], in rappreżentanza ta' Malta Tourism Authority, u tas-Scene of Crime Officer PC2424 Abigail Grech[18] mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 u rat id-dokument esebit minn Dr. Daniel Cutajar markat Dok. "MTA" a fol. 72 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Josette Borg, in rappreżentanza ta' Trading Licencing Unit Commerce, mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022[19] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "JB" a fol. 87 u 88 tal-proċess;

---

[1] Fol. 99 tal-proċess.

[2] Fol. 16 tal-proċess.

[3] Fol. 18 u 19 tal-proċess.

[4] Fol. 21 u 22 tal-proċess.

[5] Fol. 25 u 26 tal-proċess.

[6] Fol. 28 sa' 30 tal-proċess.

[7] Fol. 106 sa' 108 tal-proċess.

[8] Fol. 42 sa' 47 tal-proċess.

[9] Fol. 111 sa' 116 tal-proċess.

[10] Fol. 48 sa' 51 tal-proċess.

[11] Fol. 53 u 54 tal-proċess.

[12] Fol. 55 u 56 tal-proċess.

[13] Fol. 57 sa' 59 tal-proċess.

[14] Fol. 60 u 61 tal-proċess.

[15] Fol. 63 u 64 tal-proċess.

[16] Fol. 76 u 77 tal-proċess.

[17] Fol. 69 sa' 71 tal-proċess.

[18] Fol. 73 u 74 tal-proċess.

[19] Fol. 85 u 86 tal-proċess.

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-12 ta' Mejju 2020, għall-ħabta ta' 20:50hrs u ħinijiet qabel, ġewwa Fort Cambridge West 3, Flat 404, il-Ponta ta' Tignè, Sliema, u f'dawn il-gżejjer: (1) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Julia Marra, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0126647A, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 225(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; U aktar talli nhar it-12 ta' Mejju 2020, f'xi ħin matul il-ġurnata, ġewwa Strand Mini Market u/jew Frans Greengrocer, Triq ix-Xatt, Sliema, u f'dawn il-gżejjer: (2) Biegħ u/jew forna alcohol lil minuri, u cioè lil Julia Marra u Evgeniya Pavlova, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 316Ċ(a)(b) tal-Kap.10 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**Provi:**

L-**Ispettur Colin Sheldon**[20] xehed illi *nhar it-12 ta' Mejju tas-sena 2020 għall-ħabta tad-08:50p.m., l-Għassa ta' Tas-Sliema ġew infurmati mill-Control Room ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija illi ġewwa Fort Cambridge, Triq il-Ponta ta' Tignè, tas-Sliema, kien hemm tfajla li kienet waqgħet minn gallarija u kienet mixħuta fl-art mingħajr ebda sinjali ta' ħajja. Il-Pulizija marru immedjatament fuq il-post fejn sabu li kien hemm tfajla mixħuta ma' l-art wiċċha l-isfel u li kienet qiegħda titlef ħafna demm minn rasha. It-tfajla ma wriet l-ebda sinjali ta' ħajja u t-triq ingħalqet sabiex tkun preservata l-evidenza fuq il-post. Jien dak il-ħin kien ċempilli s-Surġent tiegħi PS 1033 Sandro Mangion fejn infurmani bl-akkadut u ordnajt illi xi ħadd jiġi għalija u mort immedjatament fuq il-post fejn mill-istħarriġ preliminari illi sar fuq il-post, it-tfajla ġiet identifikata bħala ċertu Julia Marra li kellha ħmistax-il sena u kellha Karta ta' Residenza bin-Numru 126647(A) u li kienet ta' nazzjonalità Taljana u kienet toqgħod mal-ġenituri tagħha ġewwa San Ġwann. X'ħin wasalt jien fuq il-post kien hemm ukoll il-ġenituri tat-tfajla fejn fost oħrajn hawn ommha hawnhekk imma missierha mhux qiegħed hawn illum. Kien hemm ukoll il-ħabiba ta' Julia Marra, ċerta Eugenia Pavlova, bin-Numru tal-Karta tar-Residenza 114763(A), kien hemm ukoll ħu Eugenia, ċertu Innocenti Pavlov, bin-Numru tal-Karta tar-Residenza 114764(A) u kien hemm ukoll omm dawn iż-żewġt itfal, ċerta Natalia Pavlova, bin-Numru tal-Karta tar-Residenza 114765(A). Fuq il-post ukoll dak il-ħin kien hemm Dr. Mark Xuereb, psikologu, fejn beda jipprova jassisti lill-ġenituri tal-mejta u beda jitkellem naqra magħhom fuq dan l-inċident li kien seħħ. Niftakar li kien hemm ukoll Dr. Jonathan Joslin u Dr. Michael Spiteri fuq il-post fejn ippruvaw jagħtu l-assisstenza però kien ċert illi huma għamlu ċertifikat illi l-vittma kienet deċeduta. Jiena nfurmajt immedjatament ukoll lill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli fejn ġiet ukoll fuq il-post*

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022, fol. 28 sa' 30 tal-proċess.

*fejn fetħet Inkjesta u ħatret diversi esperti sabiex jassisstuha u fosthom fuq il-post ġie ukoll Dr. Mario Scerri li huwa wieħed mill-esperti maħtura. Ġew ukoll team mil-laboratorju forensiku fi ħdan il-Pulizija fejn kien hemm dak iż-żmien il-Kuntistabbli Daniel Formosa, illum Spettur, u kien hemm WPC424 Abigail Grech. Minn iktar stħarriġ li sar fuq il-post, irriżulta li Julia Marra kienet waqgħet minn ġewwa l-gallarija ta' l-appartament Flat 404, ġol-blokka Fort Cambridge, West Street, il-Ponta ta' Tignè, fejn ukoll irriżulta illi fuq il-post kien hemm xi remettar li ġie evidenzjat kemm minn Dr. Scerri u kif ukoll mit-team forensiku. L-investigazzjonijiet illi saru fuq il-post ġew kollha recorded u eventwalment ukoll, il-Maġistrat kienet talbet li jittieħdu xi xhieda bil-ġurament quddiem is-Sinjurija tagħha. … Nhar it-18 ta' Mejju tas-sena 2020, kienet ittieħdet xhieda bil-ġurament ta' Eugenia Pavlova u ta' ommha Natalia Pavlova, fejn dawn irrispondew għal xi domandi li kienu sarulha kemm mill-Maġistrat u kemm mill-Ispettur u kien hemm xi espert ukoll illi kien preżenti waqt dawn ix-xhieda ġuramentati. Iktar tard imma ġurnata oħra, Eugenia Pavlova kienet indikat illi ċertu xorb inxtara minn ħanut speċifiku fejn wara li għamilt ċerta riċerki, jiena kont ippreżentajti 3 dokumenti li qegħdin a fol. 211, 212 u 213 tal-proċess* [ta' l-Inkjesta]. … *Għandi ngħid ukoll illi l-għada ta' l-inċident, il-familjari tal-mejta kellhom aċċess għal xi post illi ż-żewġ persuni kienu tefgħu fejn kien indikat fejn kienu qegħdin jixorbu u rrikorrew fuq il-post huma stess u ġabru l-fliexken li nstabu hemmhekk fl-area. Il-fliexken kienu ġew ippreżentati wkoll fl-Inkjesta u mir-riċerki li għamilt rigward dawn il-fliexken, kien hemm uħud mixtrijin minn ħanut partikolari li mhuwiex il-ħanut ta' l-akkużat u l-oħrajn jista' jkun imma jinbiegħu ġo ħafna ħwienet oħrajn. Jiena kont mort fil-ħanut fejn kienu nxtraw il-fliexken l-oħrajn però qatt ma kien hemm referenza għalihom min-naħa tal-ħabiba tal-mejta u kont rajt jiena stess, fliexken ta' dik id-ditta u nista' nippreżenta rċevuta u nikkonferma illi jinxtraw biss minn dan il-ħanut* - Dok. "CSX1" u Dok. "CSX2" a fol. 31 sa' 33 tal-proċess.

L-Ispettur Sheldon xehed ulterjorment illi *wara li nħareġ il-PV u skond l-indikazzjonijiet ta' dan l-istess PV, jiena kont kellimt lil sid dan il-ħanut li għamilt referenza għalih a fol. 211, 212 u 213* [ta' l-atti ta' l-Inkjesta] *li huwa Steve Grima, sid il-ħanut, fejn kont tajtu d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel ma neħodlu stqarrija u kien kellem lil Dr. Marion Camilleri li wkoll kienet prezenti. Ħadtlu l-istqarrija u dawn qed nippreżentahom ukoll* - Dok. "CSX3" u Dok. "CSX4" a fol. 34 sa' 36 tal-proċess. *Nagħraf il-firma tiegħi, ta' Steve Grima, ta' PC449 u ta' PS2251. … Meta jiena kont kellimt lil Steve Grima, kont urejtu ritratti taż-żewġ persuni li allegatament supravvisuta minnhom kienet qalet illi xtraw xi alkoħol mill-ħanut tiegħu u ħadd ma kien rahom. Nimmaġina illi jkollu ħafna nies fil-ħanut allura lanqas li kieku ma kienx se jiftakarhom. Jiena kont indikjatlu d-data però ma kelli l-ebda tip ta' irċevuta la min-naħa ta' Eugenia Pavlova li stajt nikkonferma li l-fliexken kienu mixtrijin mingħandu u lanqas min-naħa tiegħu għaliex l-end of day ikun sar imma ma jkunx speċifiku ta' kull kont partikolari x'kien inxtara. Wara din l-istqarrija jien imbagħad ħriġt akkużi fil-konfront ta' Steve Grima.*

L-Ispettur Colin Sheldon ippreżenta wkoll ir-rapport li sar mal-Pulizija dwar il-mewt ta' Julia Marra kif ukoll ir-riċevuta li ngħatat lill-familjari ta' Julia Marra għall-fliexken li huma għaddew lil Pulizija - Dok. "CSX5" u Dok. "CSX6" a fol. 37 sa'41 tal-proċess. Id-dikjarazzjoni ta' Steve Grima għall-jedd tal-parir legali ġiet

ikkonfermata minn **PS2251 Sally Anne Felice**[21] u l-istqarrija ta' Steve Grima ġiet ikkonfermata minn **PC449 Jean Claude Debono**[22].

In kontro-eżami[23] l-Ispettur Sheldon xehed illi *din il-persuna li qed issemmi inti* - ossia il-ħabiba ta' Julia Marra, u quindi Eugenia Pavlova - *qalet li xtrat xi alcohol u semmiet l-isem tal-ħanut. Mr. Grima bħala l-proprjetajru qed jiġi akkużat. Hi ma pprovidet l-ebda rċevuta ta' dan ix-xiri. Steve Grima, il-filmati kienu overwritten through l-espert tekniku li kien imqabbad fl-Inkjesta jekk vera kinitx hemm dakinhar meta nxtara l-alcohol u qas irċevuti fiskali minn naħa ta' Steve Grima, ma kellix fil-pussess tiegħi. Jien mill-investigazzjoni li għamilt jiena kien hemm fliexken ta' alcohol li setgħu possibilment ġew mixtrijin minn hemm għax huma ditti komuni li jinstabu f'kull tip ta' ħanut ta' l-alcohol. Kien hemm xi fliexken oħrajn li malli rajthom irrealizzajt li dawn kienu mixtrijin minn ħanut partikolari li huwa supermarket li huwa l-Lidl. Kien hemm xi fliexken li kienu mixtrijin minn hemm żgur. Jiġifieri anki l-konsistenza ta' din il-persuna, mhux kollha hija cash xtrathom, ma nxtrawx kollha mingħand dan.*

Dwar kif ġew rintraċċati l-fliexken tax-xorb, l-Ispettur Sheldon iddikjara li *biex inkunu eżatti, mis-social media kemm tal-mejta u kemm tal-ħabiba tagħha, il-familjari indunaw fejn kien il-post u mar membru tal-familja stess li sab il-fliexken. Ġew preżentati ritratti tal-fliexken li diga ġew ppreżentati fl-Inkjesta. ... Kif għidt diga, l-unika fliexken li setgħu nxtraw mill-ħanut tas-sinjur huma fliexken komuni li ssib f'kull ħanut ta' l-alcohol.*

**PS1033 Sandro Mangion**[24] ikkonferma li fit-12 ta' Mejju 2020 għall-ħabta tad-08:45p.m. huwa kien ġie nfurmat li kien hemm persuna li kienet waqgħet mill-għoli fl-inħawi ta' Fort Cambridge f'Tas-Sliema. Huwa rrikorra immedjatament fuq il-post u hemm sab *tfajla ta' 15-il sena ma' l-art, kienet tidher bla ħajja u sibt li kien jisimha Julia Marra, tfajla Taljana. Ovvajment, jien infurmajt lill-Ispettur* [l-Ispettur Colin Sheldon] *bl-akkadut, irriżultali wkoll li waqgħet minn għoli ta' 4 sulari minn ġo gallarija u fl-investigazzjoni tagħna rriżulta li ftit qabel ma ġara l-każ kienet qiegħda ma' tfajla oħra, kienu qegħdin l-Exiles dawn, xorbu xi nbid u kif marru d-dar din bdiet tibki u wara rriżulta wkoll illi fil-gallarija minn fejn waqgħet, jiena nnotajt ukoll xi vomitu anke fil-ħoġor tal-gallarija u rriżulta li din marret tirremetti u għelbet għal isfel. ... Imbagħad infetħet l-inkjesta u komplew bl-investigazzjonijiet l-Ispettur u l-Esperti maħturin mill-Maġistrat. ... Fuq il-post ġie Dr. Jonathan Joslin u Michael Spiteri li kkonfermaw li l-persuna kienet bla ħajja, ġie ukoll Dr. Mark Xuereb mill-Crisis Unit peress li kien hemm il-ġenituri ta' din it-tfajla u ġie jkellimhom fuq il-post u ġew maħturin ukoll il-Pulizija tas-SOCO, WPC424 u PC959, kif ukoll ġie Dr. Mario Scerri fuq il-post.*

[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2022, fol. 18 u 19 tal-proċess u Dok. "SA" a fol. 20 tal-proċess.

[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2022, fol. 21 u 22 tal-proċess u Dok. "JD" a fol. 23 u 24 tal-proċess.

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2023, fol. 106 sa' 108 tal-proċess.

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2022, fol. 25 u 26 tal-proċess.

**Eugenia Pavlova**[25] xehdet illi dakinhar li Julia Marra, li ddeskrivietha bħala l-ikbar ħabiba tagħha (*best friend)*, mietet, huma kienu flimkien. Iddikjarat li *we met at my house and then we walked to the Sliema Promenade, the one of the Tignè Side, we went like from the bridge and down, we got a slushie and then we went to the store next to Inglot and we got some alcohol and then we walked to Exiles to the beach and then we drank*. Ikkjarifikat li *we met at my house, then we first went to the beach that was opposite the other Sliema Promenade and we swam there and then after that we walked to get a slushie and then we went to get alcohol and then we went to the other beach, Exiles. Then we drank, swam more and then we walked all the way back to my house and then the accident happened at my house and then me and my mum called the ambulance and then the Police showed up.*

Mistoqsija x'xorb kienu xtraw dakinhar, Eugenia Pavlova ddikjarat li xtraw flixkun inbid rosè, tnejn birra Corona, żewġ *alcoholic lemonades* u flixkun vodka *travel size* u iddikjarat ukoll li dan ix-xorb inxtara kollu mill-istess ħanut. Stqarret illi Julia Marra kienet xorbot flixkun u nofs birra, tazza inbid u nofs il-flixkun tal-vodka. Mistoqsija kif kienet Julia, Pavlova wieġbet *at first it was fine like we were talking normally and then Julia started like losing her balance. I was looking fine and I don't know if it is because I drank but then she started losing her balance and I was trying like to help her get up and then I remember her sister I think, or someone from her family, started calling her and she was like "I'm not going to answer, I'm going to answer later" and then we met some people on the way home, like someone from our grade and she just said hi to them and we went home. … we went to my room, I think she went to the bathroom before that to like wash her face with some cold water and then we went back to my room. Then I have my blacony which is right outside my room, then she went out to get some fresh air because she was like really panicking and stuff and she was crying at that point*. Mistoqsija għaliex Julia Marra kienet qed tibki, Eugenia Pavlova wieġbet *to be honest I've drunk with Julia before and she had a tendancy of crying when she was drunk*. Mistoqsija jekk kenitx tibki għaliex il-ġenturi jirrabbjaw magħha talli xorbot, Pavola wieġbet *yes, probably especially like whenever her dad would usually be in the country she would be more scared of getting told off rather than like when her dad was abroad.*

Mistoqisja ppruvatx tgħin lil Marra, Eugenia Pavlova wieġbet *I took her to the bathroom to like wash her face and everything and then I set her down because on my balcony I have like a chair and I sat her down on the chair and her mum kept on calling her and I was like you should answer the phone, because it got dark by that point. … She was still crying, her mum kept on calling still, she wasn't answering, I think at some point somone called my phone but I'm not sure but like my phone had no battery at that point so I went inside to charge my phone. Then when I went inside I heard this massive like thump and then I went back out on the balcony and she was there on the floor at that point. … Like on the ground as in outside. … downstairs the block, outside. Then I ran to my mum's room and got an ambulance.*

---

[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022, fol. 42 sa' 47 tal-proċess.

Fir-rigward tax-xorb li akkwistaw dakinhar, Eugenia Pavlova ddikjarat li ma għandhiex irċevuta fil-pussess tagħha iżda kkonfermat li marru jixtru x-xorb flimkien u li l-ispiża qasmuha bejniethom. Mistoqsija tagħrafx lil xi ħadd fl-Awla, Pavlova wieġbet *I recognize the sir* (ossia l-imputat) *from the store but because I go there often like not just to buy alcohol but also to buy food and stuff as well because it's close to my house*. Fir-rigward ta' dakinhar li xtrat ix-xorb alkoħoliku flimkien ma' Julia Marra, Pavlova iddikjarat li fil-ħanut *there were two men, there was the sir who's sitting down* (ossia l-imputat) *and there was an older gentleman I think*.

In kontro-eżami[26] Eugenia Pavola kkonfermat li dakinhar tat-12 ta' Mejju 2020 hija kienet qiegħda ma' Julia Marra u kienu marru l-baħar flimkien f'Tas-Sliema. Iddikjarat li *we had gone to stop by at an ice cream truck and then we walked down the road to Zara. … We stopped by at the mini market of The Strand and we got some drinks, we got some alcoholic drinks. … I am not sure the exact time but I would say around three pm*. Ikkonfermat għal darba' oħra li hi u Julia Marra kienu akkwistaw xorb alkoħoliku mill-ħanut ta' Strand Mini Market f'Tas-Sliema u saħqet li x-xorb kollu li xtraw, xtrawh kollu f'daqqa mill-istess ħanut. Tenniet illi kienu xtraw inbid, birra u flixkun vodka zgħir. Stqarret illi wara li telqu mit-tieni bajja fejn kienu, kienu marru dritt id-dar tagħha iżda huma u għaddejjin minn Qui-Si-Sana ltaqgħu ma' xi ħbieb u waqfu ftit iżda imbagħad baqgħu sejrin id-dar.

Dwar l-istat li kienet fih Julia Marra meta waslu d-dar tagħha, Eugenia Pavolva iddikjarat *she started complaining that her head's spinning when we got to the house. And then, I don't really recall her being sick in my presence but she started complaining and the next thing I saw was like she had already fallen so. … She felt sick so she went out in my blacony. I have a chair there so she sat down on the chair. Her parents kept calling her and her phone was off, I charge my phone. I went in, charged my phone and then I heard like a thump. … I wasn't there at the exact moment of the fall*. Mill-ġdid tenniet li x-xorb alkoħoliku li kellhom xtrawh minn ħanut ħdejn Inglot tas-Sliema u li x-xorb kollu imxtara mill-istess ħanut. Ippressata mid-Difiża dwar jekk setgħux xtraw ix-xorb minn xi ħanut ieħor, Eugenia Pavlova ddikjarat *it was four years ago so I don't think, you know, it was quite traumatic as well so my brain blocked a bit of it out as far as my memory served me right, we got drinks from that one shop. … I didn't get drinks from home and we didn't stop anywhere else at a point and I don't know if they found additional bottles that weren't ours but everything I am mentioning was bought at the same purchase*. Mistoqsija min kien hemm fil-ħanut meta akkwistaw ix-xorb, Pavlova wieġbet *there were two gentlemen, there was an older gentleman and there was the gentleman sitting* - tindika lill-imputat.

**Natalia Pavlova**[27], omm Eugenia Pavlova, iddikjarat illi *what I remember is that it was a normal day. Eugenia before she told me that she will meet with Julia to go to the beach and it was ok for me because they were very close friends. I don't remember exactly where they went but I remember that I was at the gym and*

---

[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2024, fol. 111 sa' 116 tal-proċess.

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022, fol. 48 sa' 51 tal-proċess.

*when I got back from the gym, I don't remember the time exactly but I think it was around 08:00 or 08:30 and I found a missed call on my phone so I was busy with the call and Eugenia came to my room just to say "Hi. We're back from the beach and I will be with Julia in my room" and I said ok to her. I asked her if they wanted something to eat so I can order some food for them and she told me later. Around 15 minutes I was with the call and after I started to prepare to take a shower and I heard some sound, very nosiy outside and I heard some strange noisy sound from outside, it was like something happened on the road with cars or something like that. I was already half way taking off my clothes because I was in my room I had a shower and this time Eugenia came to my room and she said "Mummy, Julia fell from the balcony" and I said "How? Why?" And she said "I don't know" and I went downstairs without shoes because I was very panicked. Even in the lift I didn't know which floor I had to go I was so stressed. There were a lot of people in the balconies and I was hoping for a miracle and I was like "Help, help, somebody". Some people told me not to touch her, they told me to call an ambulance but I was without my phone and I didn't understand what I needed to do next. So I went back to my house to take the phone, I started to call the ambulance, I don't understand how it's called because I don't know the Maltese number, I only know how it is in Russia and so I asked Eugenia to call quickly and she started to call. I put on some shorts and some shoes and go together with Eugenia downstairs and there were a few people and we called a few times. During this, Chiara, Julia's mum, started calling and number one, I didn't know what to say to her so I cancelled and the other one, I went to call the ambulance again to ask them how long they will take and where are they and they told me "Yes, we are on the way". After two police officers came and I don't remember if the ambulance or the police came first. The Police then started to ask me "Who is she? Where are the parents?" And then Chiara started calling me again and I gave the policeman the phone and I told him that it's her mum and he answered the phone and told her "You need to come here to the place" and when the ambulance came they started to do something and then one lady came to me and she was like "I'm sorry but we can't help" and I told her "Please can you do something?" And they told me "No, it's impossible anymore" and soon after Chiara came with her husband and then the police came and we went to our home. It was so quickly to be honest, I don't know about 45 minutes or 40 minutes together. I came home at about 08:30 and it happened around 9:00 maybe. Then they asked my daughter "What happened? Why?" And only one police came and started to ask my daughter "Did you drink something?" And she said "Yes" and yes there was a smell of alcohol but when she came to my room, there was distance between us so I couldn't smell the alcohol and I didn't see Julia and I didn't go to the room and "what are you doing here?" because it was normal and Julia came to our house quite often so they stayed there with us and for me everything was ok, for me nothing special and nothing strange so I never check example "What are you doing here?" And I trust them. So I don't know what happened there, she told me that she was a bit maybe drunk and maybe she was feeling a bit bad and she was not feeling well but we have a very close bathroom with the kids room so maybe she wanted to throw up but honestly, I don't know what happened there.*

L-**Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri**[28] kkonferma r-Relazzjoni li ppreżenta fl-Inkjesta dwar il-mewt ta' Julia Marra - Dok. "MS1" a fol. 117 sa' 151 ta' l-atti ta' l-Inkjesta - u ddikjara li *kont ikkonkludejt illi din kellha ammont ta' alkoħol, fil-gallarija minn fejn waqgħet kien hemm ir-remettar eżatt taħt il-poġġaman, indikazzjoni li din ħarġet rasha biex tirremetti, għelbitha rasha u waqgħet għal isfel. Kienet waħedha u il-ħabiba tagħha ma kinitx ħdejha, jiġifieri ma hemmx foul play, hekk jiġi accident. Cause of death huwa massive head injury illi ġarrbet waqt il-waqa'.* L-**Esperti Patoloġi Dr. David Pisani u Dr. Ali Sarfraz**[29], ukoll ikkonfermaw ir-Relazzjoni li ippreżentaw fl-Inkjesta dwar il-mewt ta' Julia Marra - Dok. "DP1" a fol. 113 sa' 115 ta' l-atti ta' l-Inkjesta - u ddikjaraw illi *the primary findings in this case were a wound on the forehead consistant with a fall with an underlying skull fracture and a laceration, so a tear, in one of the main lobes of the brrain which was significant and which was the cause of death in this case.* Dawn il-ġrieħi kienu konsistenti ma' waqa' mill-għoli.

L-**Espert Forensiku Dr. Godwin Sammut**[30] ikkonferma r-Relazzjoni li ppreżenta fl-Inkjesta dwar il-mewt ta' Julia Marra - Dok. "GS1" a fol. 18 sa' 30A ta' l-atti ta' l-Inkejsta - u xehed illi *jiena kont ġejt maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti, dak iż-żmien Dr. Audrey Demicoli, fit-12 ta' Mejju tas-sena 2020, sabiex nagħmel analiżi tat-tossikoloġija fuq il-kampjuni li ttieħdu minn Julia Marra kif ukoll neżamina swab li ġiet mogħtija lili mis-Scene of Crime Officers. Nhar l-14 ta' Mejju, jien kont mort fil-kamra mortwarja fejn kont ġejt mgħoddi l-kampjuni li ttieħdu lill-istess Julia Marra, mingħand is-Sur William Atanasio. Kont ġejt mgħoddi wkoll fid-19 ta' Mejju, swab mingħand is-SOCO PC 959 Daniel Formosa. Jiena għamilt analiżi fuq l-iswab fejn bażikament bħala konklużjoni, l-ewwelnett, l-iswab irriżulta negattiv għal xi sustanza mbagħad għamilt analiżi tat-tossikoloġija fuq il-kampjuni li jiena ġbart mill-kamra mortwarja, għamilt analiżi fuq id-demm kif ukoll fuq il-urine. Bħala sustanzi lleċiti, min-naħa tat-tossikoloġija ma nstabux iżda nikkonferma li kien hemm il-preżenza ta' alkoħol. Issa bħala alkoħol jiena għandi mniżżel il-livell ETG, jgħidulu li huwa l-metaboli ta' l-alkoħol li nstab fil-urine, dan kien livell ta' 550 ta' nanogram per millilitre u kif għandi spjegat fuq pana 8, dan huwa indikazzjoni li dik il-persuna kienet ħadet ammont ta' alkoħol riċenti. Kif ukoll, dan ġie kkonfermat imbagħad il-livell tal-blood alcohol concentration li kien livell ta' .04 grams per 100ml, dan ovvjament huwa post-mortem, jiġifieri wara l-mewt, allura dak il-livell huwa fil-ħin li ttieħed il-kampjun. Issa jiena kif spjegajt ukoll, f'punt numru 2 fuq paġna 8, dan il-livell jista' jkollu ċertu effetti fuq il-persuna li jkun taħt dak l-effett ta' dak l-ammont ta' alkoħol. Ovvjament, nieħdu in consideration li kien għadda ammont ta' ħin jiġifieri jista' jkun li kien naqra iktar ogħla … kif ukoll minħabba li jkun post mortem, nieħdu into consideration ukoll illi l-alkoħol jista' jifforma b'mod naturali wara l-mewt, imma f'dan il-każ, minħabba li ma kienx hemm tul ta' żmien, din m'hemmx il-periklu li se jifforma dak l-ammont ta' alkoħol wara l-mewt. Jiġifieri kif semmejt, hu ġie ikkonfermat fil-blood alcohol kif ukoll fil-urine, il-preżenza ta' l-alkoħol. … Bħala readings, kif semmejt, huwa l-ħin li ttieħed waqt l-awtopsja*

---

[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2022, fol. 53 u 54 tal-proċess.

[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2022, fol. 55 u 56 tal-proċess.

[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2022, fol. 57 sa' 59 tal-proċess.

*jiġifieri hu ġie bħala .04. Issa dawk il-livelli, bħala tossikoloġija nqabbluha ma' ċertu sintomi li ovvjament, kif semmejt ukoll, jiddependi fuq diversi fatturi li jinkludu s-sess tal-persuna, il-piż tal-persuna kif ukoll il-kontenut ta' l-istonku. Imma jiena semmejt ċertu sintomi li l-persuna jista' jesperjenza n-nuqqas ta' raġunament u memorja, kif ukoll jitnaqqas il-livell ta' caution, jiġifieri li jista' jwassal għal nuqqas ta' bilanċ fiżiku jew inkella deċiżjonijiet żbaljati. ... Minħabba l-livell ta' l-alkoħol, jista' jkun li l-persuna ma jkunx iffukat jew diżorjentat. ... Ma jkunx kapaċi per eżempju jimxi fuq linja dritta jew inkella jitlef il-bilanċ.*

L-**Ispettur Daniel Formosa**[31] u **PC2424 Abigail Grech**[32], maħtura fl-Inkjesta bħala Scene of Crime Officers, ikkonfermaw ir-Relazzjoni konġunta tagħhom ippreżentata bħala Dok. "DF1" a fol. 32 sa' 75 ta' l-atti ta' l-Inkjesta. L-Ispettur Formosa xehed illi fost affarijiet oħra fil-kors tat-twettiq ta' l-inkarigu tiegħu, huwa eleva kampjun minn likwidu estraneju li kien hemm fuq il-ħoġor tal-gallarija. Dan il-kampjun in segwitu ġie mgħoddi lill-Espert Forensiku Dr. Godwin Sammut.

L-**Espert Tekniku Keith Cutajar**[33] ikkonferma r-Relazzjoni li ppreżenta fl-Inkjesta dwar il-mewt ta' Julia Marra - Dok. "KC1" a fol. 27 sa' 111 ta' l-atti ta' l-Inkjesta - u iddikjara li *dan kien rigward inkarigu li kelli mill-Maġistrat, illum Imħallef, Dr. Audrey Demicoli, datat 12 ta' Mejju 2020 fejn bażikament, dakinhar stess ta' l-inċident, ġejt mgħajjat mill-istess Maġistrat u flimkien ma' l-uffiċjal investigatur, tlabt, ovvjament, numru ta' CCTV u recordings relevanti għall-post ta' l-akkadut fejn anke tidher l-attività li tinvolvi l-blokka fejn ikkonċerna l-inċident. Jiġifieri, biex nagħmel anke aċċenn, qed nitkellmu tal-post Fort Cambridge, il-Ponta ta' Tignè, Tas-Sliema, fejn bażikament huwa mdawwar b'CCTVs. Hemm ukoll camera fejn tidher l-istess vittma taqa' u jsir l-impatt ma' l-art u wkoll, minn hemmhekk, aħna bqajna sejrin niġbru filmati fejn tlabt numru ta' entitajiet biex jippruvaw jassisstuna. Kelli ukoll numru ta' extractions li nġabru, numru ta' mobiles u qed nagħmel referenza primarjament għal żewġ mobiles, mobile tal-vittma Julia Marra, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità Numru 126647(A), u mobile ta' l-għamla iPhone. Kien hemm mobile ieħor ukoll ta' l-għamla iPhone wkoll, mudell iktar antik ta' lewn abjad, li minnu ukoll kienu saru l-cloud extractions mis-sistemi Gmail u Snapchat, fejn irriżulta li l-istess minorenni, jiġifieri hi u ħabiba tagħha, ċerta Pavlova Eugenia, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità Numru 114763(A), li mill-istess mobile ta' din Pavola u anke tal-vittma, mill-mobiles tagħha u l-cloud extractions u kollox, jirriżulta li dawn kienu ovvjament qed iqattgħu ftit ħin flimkien, kienu ilhom pjuttost numru ta' siegħat flimkien fl-istess ġurnata, at one point marru u xtraw xi xorb, baqgħu mexjin anke fl-akkwati ta' Tignè u tas-Sliema eċċ., f'dak ir-reġjun u fejn ic-Chalet speċifikatament, jiġifieri fejn kien hemm ic-Chalet l-antik, kienu niżlu fuq il-blat hemmhekk u kien sar xi konsum ta' xorb alkoħoliku. Imbagħad minn hemmhekk huma kienu marru lura fl-appartament ta' din Julia, f'dan il-post ta' Cambridge fejn bażikament, minn hemmhekk, ovvjament kelli limitazzjonijiet ta' x'qed isir*

[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2022, fol. 60 u 61 tal-proċess.

[32] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022, fol. 73 u 74 tal-proċess.

[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2022, fol. 63 u 64 tal-proċess.

*ġewwa għaliex CCTVs ma kellix. Imbagħad minn hemmhekk jirriżulta illi qed nara l-akkadut quddiemi.*

**Dr. Daniel Cutajar**[34], in rappreżentanza ta' Malta Tourism Authority, iddikjara li ma' l-imsemmija awtorità ma nstabu l-ebda *records* fir-rigward ta' Steve Grima u tal-fond Sliema Mini Market - Dok. "MTA" a fol. 72 tal-proċess. **Josette Borg**[35], in rappreżentanza ta' Trade Licencing Unit Commerce, iddikjarat illi għalkemm il-Unit in kwistjoni kellha liċenzja f'isem Steve Grima, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 258277(M), għal 29A, Frans Green Grocers and Flowers, ix-Xatt, Sliema, *il-liċenzji tal-ħwienet spiċċaw fis-sena 2016. ... Ġew imwaqqfa mill-awtoritajiet, ma jitħallsux. Jistgħu jibqgħu joperaw bla ma jħallsu liċenzja attiva* - Dok. "JB" a fol. 87 u 88 tal-proċess.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

Bl-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-12 ta' Mejju 2020, għall-ħabta ta' 20:50hrs u ħinijiet qabel, ġewwa Fort Cambridge West 3, Flat 404, il-Ponta ta' Tignè, Sliema, u f'dawn il-gżejjer: B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Julia Marra, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0126647A, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 225(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u bit-**tieni imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, huwa qed jiġi mixli u aktar talli nhar it-12 ta' Mejju 2020, f'xi ħin matul il-ġurnata, ġewwa Strand Mini Market u/jew Frans Greengrocer, Triq ix-Xatt, Sliema, u f'dawn il-gżejjer: Biegħ u/jew forna alcohol lil minuri, u cioè lil Julia Marra u Evgeniya Pavlova, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 316Ċ(a)(b) tal-Kap.10 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dawn iż-żewġ imputazzjonijiet huma bbażati fuq l-Artikolu 225(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu rigwarda l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, u fuq l-Artikolu 316Ċ(a)(b) tal-Kap.10 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu rigwarda t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

L-Artikolu 225(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).*

L-Artikolu 316Ċ(a)(b) tal-Kap.10 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Ħadd ma jista': (a) ibiegħ alkoħol lil, jew jixtri alkoħol f'isem, minuri; jew (b) iservi, jew b'xi mod iforni, alkoħol lil minuri f'xi post pubbliku.*

Huwa evidenti li fil-każ in eżami l-imputazzjoni tal-qtil involontarju ta' Julia Marra dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija bbażata fuq l-allegat nuqqas ta' l-istess

[34] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022, fol. 69 sa' 71 tal-proċess.

[35] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022, fol. 85 u 86 tal-proċess.

imputat li josserva l-provvediment tal-Liġi dispost fl-Artikolu 316Ċ(a)(b) tal-Kap.10 tal-Liġijiet ta' Malta stante li qed jiġi mixli bil-bejgħ ta' alkoħol lill-minorenni Julia Marra u Eugenia Pavlova.

Dwar l-elementi tar-reat ta' qtil involontarju abbinat b'mod speċifiku man-nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, issir referenza għal dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Claudio Muscat** deċiża fl-14 ta' Ġunju 2017: *Fis-sentenza Il-Pulizija vs Richard Grech, deċiża fil-21 ta' Marzu 1996, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali irriteniet hekk: "L-omiċidju kolpuż hu trattat fil-liġi tagħna fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali, gia l-Artikolu 238 fl-Edizzjoni ta' l-1942 ta' dak il-Kodiċi. Fis-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Frar, 1961, fl-ismijiet Il-Pulizija v. Perit Louis Portelli, il-Qorti Kriminali, sedenti l-kompjant Imħallef Joseph Flores, kienet esprimiet ruħha b'dan il-mod a rigward ta' dan ir-reat:*

*"Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-Art. 239 tal-Kodiċi Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti - kosistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb ("imprudenza"), traskuraġni ("negliġenza") jew ta' ħila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti speċifikatament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti - li tkun segwita, b'ness ta' kawżalità, minn event dannuż involontarju. Għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioè, illi fil-każ konkret kienet tiġi wżata minn persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilità normali, kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallieh fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret." (Kollez. Vol. XLV.IV.903).*

*"Kif jispjega l-ġurist Taljan Francesco Antolisei biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attività diretta għal xi fini partikolari tista' tagħti lok għal konsegwenzi dannużi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioè l-esperjenza komuni għall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attività partikolari - tgħallem li f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerti prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi ta' l-oħrajn jiġu preġudikati. "Sorgono per tal modo" ikompli dan l-awtur "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come per es. quello per cui il possessore di un' arma da fuoco e tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorità, pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attività, più o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto è possibile, conseguenze nocive per i terzi. ... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell' agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all' imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, è la conseguenza caratteristica del reato colposo, perchè nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo può muoversi all' agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza dell colpa debba*

*ravvisarsi nell'inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorità allo scopo di prevenire eventi dannosi" (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre (Milano), 1989, pp. 332-323).*

*"Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-esposizzjoni. In fatti l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali tagħna jirreferi għar-regoli ta' kondotta derivanti mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' ħsieb", "traskuraġni" u "nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawn ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti". Hu appena neċessarju jingħad li b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti l-leġislatur mhux qed jirreferi biss għal leġislazzjoni sussidjarja (li tiġi fis-seħħ permezz ta' avviż legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.), iżda għal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u għalhekk qed jirreferi wkoll għal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per. ez. ir-regolamenti mfissra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni ħsara għal kull min jaħdem jew jidħol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni wżata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi dan il-punt billi tissottolineja li anke fil-każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, l-essenza tal-kolpa hi l-istess bħal fil-każ ta' nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorità għat-tħaris ta' terzi tammonta għal negliġenza jew imprudenza, il-għaliex huwa ċertament imprudenti jew negliġenti mhux biss min jittraskura li jieħu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-ħajja, iżda wkoll min jittraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet speċifikatament preskritti minn xi awtorità. ... Però f'dan il-każ hemm element ieħor li jikkonkretizza n-negliġenza ta' l-appellant: l-inosservanza ta' regolamenti. ... Meta si tratta tan-non-osservanza ta' dawn it-tip ta' regolamenti, il-kwistjoni ta' prevedibilità tal-ħsara tassumi importanza minima: "Il criterio della prevedibilità, se è veramente indispensabile per accertare l'imprudenza e la negligenza generica, non esplica, per l'incontro, alcuna funzione nei case di colpa derivanti da inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline. In tale settore, siccome l'attività pericolosa è disciplinata da apposite regole, basta che sia accertata la violazione di una di queste perchè sorga la responsabilità; il che si spiega, considerando che l'inosservanza delle norme precauzionali sancite espressamente dalla autorità, di per se stessa concreta quell' imprudenza o negligenza che costituisce la caratteristica essenziale della colpa". (Antolisei, F., op. cit. p. 326).*

Meta si tratta ta' *culpa* huwa ferm importanti li jiġi ppruvat in-ness bejn l-att (fil-każ in eżami n-nuqqas ta' tħaris ta' l-Artikolu 316Ċ(a)(b) tal-Kap.10 tal-Liġijiet ta' malta) u r-riżultat (fil-każ in eżami l-mewt ta' Julia Marra wara li waqgħet mill-għoli meta kienet taħt l-effett ta' l-alkoħol) sabiex tali att jista' jitqies kriminalment imputabbli. Kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mustafa Gohar**, deċiża fl-20 ta' Novembru 2004, *huwa biss jekk jirriżulta chain of causation bejn l-att li ħoloq id-danni u d-danni riżultanti li jista' jirriżulta culpa. Kif ġie deċiż nhar is-sbatax ta' Mejju, 1948 fis-sentenza Il-Pulizija v. Salvatore Camilleri per Imħallef Harding li "Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing*

*harm is a requisite for responsibility to exist". Fil-fatt ikompli jgħid: "The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations". Fil-fatt Maino fil-ktieb tiegħu Commentario al Codice Penale Italiano (Vol. III, 1622, pg 286) jgħid: "È concorda la gurisprudenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra l'inosservanza dei regolamenti è l'evento funesto non siavi il nesso di causalità."*

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri jirriżulta debitament ippruvat li dakinhar tat-12 ta' Mejju 2020, Julia Marra u Eugenia Pavlova, entrambe minorenni dak iż-żmien, kellhom fil-pussess tagħhom xorb alkoħoliku. Mix-xhieda ta' Eugenia Pavlova - hekk kif ikkonfermat ukoll minn videos u ritratti fuq Snapchat kemm ta' Julia Marra kif ukoll ta' Eugenia Pavola, estratti mill-Espert Tekniku Keith Cutajar - dakinhar huma kellhom flixkun inbid rosè, birra Corona, flixkun vodka żgħir (*travel size*) kif ukoll fliexken ta' Sunrise cocktail mix. Jirriżulta debitament ippruvat ukoll, u dana b'mod partikolari mir-Relazzjoni ta' l-Espert Forensiku Dr. Godwin Sammut, illi dakinhar tat-12 ta' Mejju 2020 Julia Marra kienet taħt l-effett ta' l-alkoħol. Mir-riżultanzi ta' l-imsemmi Espert Forensiku jirriżulta li bil-livell ta' alkoħol li kellha Julia Marra, *persuna ma jkunx iffukat jew diżorjentat. ... Ma jkunx kapaċi per eżempju jimxi fuq linja dritta jew inkella jitlef il-bilanċ.* Mix-xhieda ta' Eugenia Pavlova jirriżulta li ħin minnhom, huma u sejrin lura d-dar tagħha, Julia Marra effettivament tilfet il-bilanċ u niżlet ma' l-art. Mix-xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri jirriżulta li, skond dak minnu riskontrat, senjatament xi remettar li kien hemm fil-ħoġor tal-gallarija, kien hemm *indikazzjoni li din* (ossia Julia Marra li dak il-ħin kienet fil-gallarija tal-kamra tas-sodda ta' Eugenia Pavlova) *ħarġet rasha biex tirremetti, għelbitha rasha u waqgħet għal isfel.* Jirriżulta debitament ippruvat ukoll li il-ġrieħi li ġarbet Julia Marra b'konsegwenza ta' din il-waqa', wasslu għall-mewt tagħha dakinhar stess tat-12 ta' Mejju 2020.

Eugenia Pavlova tisħaq u tinsisti li hi u Julia Marra akkwistaw ix-xorb alkoħoliku kollu li kellhom fil-pussess tagħhom dakinhar tat-12 ta' Mejju 2020 minn ħanut wieħed partikolari li jinsab biswit Inglot, fi Triq ix-Xatt, tas-Sliema. L-istess Pavola in segwitu identifikat dan il-ħanut bħala Strand Mini Market, fi Triq ix-Xatt, Sliema, ossia l-ħanut ta' l-imputat.

Għalkemm Julia Marra dakinhar tat-12 ta' Mejju 2020 kienet taħt l-effett ta' l-alkoħol u għalkemm minħabba f'hekk, meta hija xxabtet mal-gallarija għelbitha rasha u waqgħet għal isfel, il-Qorti xorta waħda trid tindaga b'mod approfondit il-kwistjoni ta' *foreseeability* u l-kwistjoni tan-*nexus* - elementi dawn dejjem meħtieġa li jiġu ppruvati fil-kuntest ta' omiċidju involontarju ai termini ta' l-Artikolu 225(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Qabel ma tidħol f'dawn il-kwistjonijiet però, l-ewwel qabel kollox il-Qorti trid tara u tkun sodisfatta li jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li: (i) ix-xorb li ż-żewġ minorenni kellhom fil-pussess tagħhom dakinhar tat-12 ta' Mejju 2020 attwalment inxtara mill-ħanut ta' l-imputat; u (ii) li kien l-imputat innifsu li biegħ ix-xorb alkoħoliku lill-imsemmija minorenni.

Minkejja dak affermat u sostnut minn Eugenia Pavlova dwar minn fejn hi u Julia Marra xtraw ix-xorb li kellhom dakinhar tat-12 ta' Mejju 2020, ossia li x-xorb kollu inxtara mill-ħanut ta' l-imputat, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, senjatament mix-xhieda in kontro-eżami ta' l-Ispettur Colin Sheldon mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2023, jrriżulta li l-fliexken ta' Sunrise cocktail mix li huma kellhom setgħu dak iż-żmien jiġu akkwistati biss mingħand *supermarket* partikolari, ossia mingħand il-Lidl, u minn ebda ħanut ieħor. Din id-diskrepanza bejn il-fatti veri u dak affermat minn Eugenia Pavlova joħloq dubju dwar kemm attwalment ix-xorb alkoħoliku li kellhom hi u Julia Marra dakinhar tat-12 ta' Mejju 2020 inxtara, jew ta' l-inqas inxtara kollu, mill-ħanut Strand Mini Market, fi Triq ix-Xatt, Sliema. Din id-diskrepanza bejn il-fatti veri u dak affermat minn Eugenia Pavlova twassal lill-Qorti biex tagħmel is-segwenti mistoqsijiet: (i) ix-xorb alkoħoliku in kwistjoni nxtara jew inġieb mill-minorenni jew minn minnhom mid-dar?; (ii) jekk inxtara, inxtara minn żewġ jew iktar postijiet differenti?; (iii) jekk inxtara minn postijiet differenti, liema minn dan ix-xorb alkoħoliku effettivament wassal biex Julia Marra tispiċċa fl-istat li kienet dakinhar tat-12 ta' Mejju 2020?

Dawn huma kollha mistoqsijiet bla risposta u b'hekk mistoqsijiet li serjament jimpinġu fuq il-grad ta' prova rikjest mill-Prosekuzzjoni biex tistabilixxi l-ħtija ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet partikolari dedotti fil-konfront tiegħu f'dawn il-proċeduri, lil hinn minn kull dubju raġonevoli.

In verità hemm fatturi oħra li serjament jimpinġu fuq dan il-grad ta' prova meħtieġ mill-Prosekuzzjoni biex tinstab ħtija fl-imputat. Fl-ewwel lok, għalkemm Eugenia Pavlova tisħaq li x-xorb inxtara kollu mill-ħanut ta' l-imputat (fatt dan li fi kwalunkwe każ irriżulta li mhux veru, jew ta' l-inqas għal kollox veru), hija qatt ma stqarret li dan ix-xorb inbiegħ lilha u lil Julia Marra mill-imputat innifsu. Fix-xhieda li tat fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022, Eugenia Pavlova qalet li hija għarfet lill-imputat *from the store but because I go there often like not just to buy alcohol but also to buy food and stuff as well because it's close to my* house, u fir-rigward ta' dakinhar tat-12 ta' Mejju 2020, iddikjarat li *there were two men, there was the sir who's sitting down* (ossia l-imputat) *and there was an older gentleman I think.* Ladarba skond Eugenia Pavlova dakinhar tat-12 ta' Mejju 2020 kien hemm tnejn min-nies fil-ħanut u hija ma tindikax b'mod espliċitu u ċert lill-imputat bħala l-persuna li allegatament biegħilhom ix-xorb alkoħoliku, il-Qorti ma tistax, għaliex hija prekluża milli tagħmel hekk, tassumi li la l-imputat kien hemm allura huwa biegħ tali xorb alkoħoliku lill-minorenni in kwistjoni.

Apparte minnhekk, fix-xhieda in kontro-eżami li ta l-Ispettur Colin Sheldon waqt is-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2023, huwa ddikjara li l-imputat tressaq bħala l-proprjetarju tal-ħanut Strand Mini Market. Il-Qorti b'hekk tifhem li l-imputat effettivament tressaq a bażi ta' *vicarious liability*, responsabilità kriminali din li titwieled u hija fondata fuq, fil-każ ta' ħanut, liċenza maħruġa a favur dak il-ħanut. Madanakollu però mill-provi prodotti, senjatament mix-xhieda ta' Josette Borg, rappreżentant tat-Trade Licencing Unit Commerce, irriżulta li b'effett mill-2016 ħwienet bħal dak ta' l-imputat ma kellhomx bżonn iktar liċenza biex joperaw. Fi kliemha stess, *il-liċenzji tal-ħwienet spiċċaw fis-sena 2016. … Ġew imwaqqfa mill-awtoritajiet, ma jitħallsux. Jistgħu jibqgħu joperaw bla ma jħallsu liċenzja attiva.*

Dan jirriżulta konfermat ukoll mir-Regolamenti dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ, Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk kwalunkwe responsabilità kriminali ta' l-imputat tista' tkun biss, se mai, waħda personali, responsabilità kriminali li fil-każ in eżami ma rriżultatx mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li fil-każ in eżami ma hemmx prova lil hinn minn kull dubju raġonevoli tal-ħtija ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u konsegwentement għalhekk ma tistax u ma għandhiex issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**